## Qorti tal-Appell Kriminali

## Onor. Imhallef Dr. Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tas-16 ta' Novembru 2015

Appell Nru: 509/2013

Il-Pulizja

Spettur Joseph Agius

Vs

Raymond Cutajar

George Cutajar

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Raymond Cutajar, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 525356M u George Cutajar, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 31486M akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

a. F'Marsaxlokk, fit-2 ta' Ottubru, 2005, ghall-habta ta' 17.10hrs, attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xort'ohra li ma titqisx bi vjolenza pubblika, u ghamlu offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 961 Raymond Debono, persuna nkarigata skont il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt illi jkun

jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skont il-Ligi minn awtorita' kompetenti bi ksur tal-Artikoli 95(1) u 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. U aktar talli fl-istess jum, lok, u cirkostanzi, ghamlu hsara volontarja fuq il-hwejjeg ta' PC 961 R Debono ta' inqas minn Lm5.00;

c. U aktar talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi, kisru l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat, glied u dagha fil-pubbliku, bi ksur tal-Artikoli 338(dd) u 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, m'obdewx l-ordnijiet legittimi tal-pulizija bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e. Lil **George Cutajar wahdu** talli huwa recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, Mag Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D., liema sentenza giet definittiva nhar it-30 ta' April, 2003;

f. U aktar talli **Raymond Cutajar wahdu** huwa recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta li dawn kollha gew definiti f'dati differenti.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-25 ta' Ottubru, 2013, fejn wara li sabet htija fil-konfront taz-zewg akkuzati, u dan wara li rat l-Artikoli 95 (dak 96 huwa assorbit fl-imsemmi Artikolu) kif ukoll l-Artikoli 338 u 339 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dwar il-piena, kkundannathom it-tnejn li huma, wara li anke qisithom recidivi, ghal piena karcerarja ta' sitt(6) xhur.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Raymond Cutajar u George Cutajar, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-6 ta' Novembru, 2013, li permezz tieghu talbu lil din il- Qorti tilqa' l-appell billi thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara s-sentenza appellata bhala nulla, jew alternattivament thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni, htija u piena, jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tkun mposta piena li tkun ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti Raymond Cutajar u George Cutajar jistghu jkunu divizi fi tlieta bl-ewwel wiehed jindirizza n-nullita tas-sentenza appellata, it-tieni dwar l-apprezzament zbaljat tal-provi u l-ahhar aggravju dirett lejn il-piena komminata. Din is-sentenza, izda hija limitata ghall-ewwel aggravju u ghalhekk ghaliex skond il-verbal tal-udjenza tal-14 ta' Settembru l-appell kien differit ghas-sentenza dwar l-aggravju rigwardanti l-aspett ta' nullita;

Ikkunsidrat:

Illi kif appena rilevat, l-appellanti jirritjenu illi s-sentenza li dwarha interponew dan l-appell hija wahda nulla fit-termini tal-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-ligijet ta' Malta u dan ghal zewg ragunijiet. L-ewwel raguni vantata mill-appellanti hi li l-Ewwel Qorti naqset milli tippronunzja ruhha dwar it-tieni imputazzjoni. Fit-tieni lok l-Ewwel Qorti naqset milli tindika l-artikolu tal-ligi dwar l-addebitu tar-recediva;

Illi ezaminati l-atti jemergi, kif gia senjalat fil-parti preliminari ta' din is-sentenza, illi l-imputati kienu tressqu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex iwiegbu ghall-sitt akkuzi fir-rigward ta' argument li sehh f'Marsaxlokk fit-2 t'Ottubru 2005 u li fih allegatament sofra ferut membru tal-Korp tal-Pulizija meta dahal sabiex izomm il-bon ordni. Wara li l-Ewwel Qorti ghamlet l-apprezzament taghha tal-provi kkonkludiet billi sabet htija fiz-zewg imputati. B'din is-sentenza, u la darba ma kien hemm l-ebda parti minnha li tillibera lill-imputati minn xi wahda mill-imputazzjonijiet, isegwi illi l-Ewwel Qorti sabet lill-imputati hatja tal-akkuzi kollha dedotti kontra taghhom. Kien ghalhekk jokkorri li

jkunu indikati l-artikoli kollha tal-ligi li dwarhom l-imputati kienu misjuba hatja u dan sabiex ikun sodisfatt ir-rekwizit ravvizat fl-artikolu 382 tal-Kaptiolu 9 tal-ligijiet ta' Malta. Minkejja dan, l-Ewwel Qorti naqset milli taghmel referenza ghall-artikolu 352 (1) (d) tal-Kapitolu 9 sabiex tirrifletti ukoll sejbien ta' htija fit-tieni akkuza igifieri "*talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi ghamlu hsara volontarja fuq il-hwejjeg ta' PC 961 R. Debono ta' inqas minn Lm5*". Dan in-nuqqas wahdu, u fuq skorta ta' sentenzi in rigward, igib mieghu in-nullita' tas-sentenza appellata u l-appell ser ikun milqugh fuq dan l-ewwel aggravju;

Il-Qorti ghalhekk filwaqt illi qieghda tilqa' l-appell limitatament ghal ewwel aggravju qed tiddikjara s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrat (Malta) fil-25.10.2013 fl-isemijia il-Pulizija (Spettur Joseph Agius) vs Raymond Cutajar u Geroge Cutajar, nulla u konsegwentement qed thassar u tirrevoka l-istess sentenza;

Il-Qorti ma tistghax takkolji u ghalhekk qed tichad it-talba tal-appellanti sabiex l-atti jkunu rimessi lill-Ewwel Qorti ghaliex l-artikolu 428 (3) tal-Kapitolu 9 jipprovdi illi meta din il-Qorti Superjuri ssib li nkisret jew ma saritx xi formalita' li trid il-ligi taht piena' ta' nullita, jew li tkun xort'ohra sostanzjali, hija dik l-istess Qorti li ghandha tiddeciedi l-kawza fuq il-mertu.